MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 388/2003

**United Insurance Brokers Limited**

**vs**

**Educational Support Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Frar, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u tletin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm330.67) rappresentanti in kwantu ghal (a) Lm76.69 bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura numru 7398 datata 23 ta' Frar 2001, (b) kwantu ghal Lm15.27 bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura numru 7399 datata 23 ta' frar 2001, (c) kwantu ghal Lm10.50 bhala bilanc fuq somma akbar fuq fattura numru 7400 datata 23 ta' Frar 2001, (d) kwantu ghal Lm12.74 bhala bilanc minn somma akbar

dovuta fuq fattura numru 7401 datata 23 ta’ Frar 2001, (e) kwantu ghal Lm44.70, bilanc minn somma akbar dovuta fuq fattura numru 7402 datata 23 ta’ Frar 2001, (f) kwantu ghal Lm43.57, bhala bilanc minn somma akbar dovuta fuq fattura numru 7403 datata 23 ta’ Frar 2001, (g) kwantu ghal Lm127.20 bhala bilanc minn somma akbar dovuta fuq fattura numru 7405 datata 23 ta’ Frar 2001 u dana kollu in konnessjoni ma’ servizzi provduti mis-socjeta attrici fuq struzzjonijiet ta’l-istess socjeta konvenuta (kopja tal-prospett relattiv huwa anness ma’l-avviz u immarkat bhala Dokument A).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittri interpellatorji datati l-4 u it-12 ta’ Frar 2003 u bl-imghaxijiet mid-data tal-hrug tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment s-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-13 ta’ Frar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija u tletin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm330.67), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-hrug tal-fatturi relattivi.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittri interpellatorji tal-4 u it-12 ta’ Frar 2003 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------